### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, b'mod prinċipali, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-KESE tal-21 ta' Marzu 2016, meħuda sabiex tiġi eżegwita s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2015, Barnett vs KESE (F-20/14, EU:F:2015:107), li tirrifjuta milli tagħti lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-irtirar antiċipat mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni u, sussidjarjament, sabiex tikseb kumpens għad-dannu li hija allegatament ġarrbet.

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Inge Barnett hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 104, 3.4.2017.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018 – Triggerball vs EUIPO (Forma ta' ballun b'diversi linji mnaqqxa)

**(Kawża T-387/17)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali — Forma ta' ballun b'diversi linji mnaqqxa — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2018/C 231/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Triggerball GmbH (Baiern-Piusheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Emrich, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2017 (Każ R 376/2017-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kkostitwit mill-forma ta' ballun b'diversi linji mnaqqxa bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Triggerball GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 256, 7.8.2017.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2018 – SCF Terminal (Cyprus) u S H B vs Il-Kunsill *et*

**(Kawża T-199/18)**

(2018/C 231/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* SCF Terminal (Cyprus) LTD (Limassol, Ċipru) u S H B, Inc. (Monrovja, il-Liberja) (rappreżentanti: P. Tridimas, Barrister, K. Kakoulli, P. Panayides u C. Pericleous, avukati)